



---

**0094/2016**

12.9.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment ta' prattika ta' prezziżjet rāgħonevoli tal-ikel u tax-xorb fl-ajruperti madwar l-UE kollha

**Brian Hayes (PPE), Deirdre Clune (PPE), Stelios Kouloglou (GUE/NGL),  
Jozo Radoš (ALDE), Fabio De Masi (GUE/NGL), José Blanco López  
(S&D), Lucy Anderson (S&D), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Merja  
Kyllönen (GUE/NGL), Patricija Šulin (PPE), Marlene Mizzi (S&D)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-istabbiliment ta' prattika ta' prezzi jiet raġonevoli tal-ikel u tax-xorb fl-ajruporti madwar l-UE kollha<sup>1</sup>**

1. Il-prezzi jiet għall-ikel u x-xorb fl-ajruporti tal-UE huma għoljin iżżejjed meta mqabbla mal-prezzi jiet għall-istess oġġetti fi ħwienet oħra. Pereżempju, fl-ajruporti, xarba minerali jew sandwiċ tista' tiswa madwar EUR 3 u EUR 7 rispettivament.
2. Minħabba r-restrizzjonijiet ta' sigurtà, il-passiġġieri tal-ajru ma tantx għandhom għażla ħlief li jixtru x-xorb wara li jkunu għaddew mis-sigurtà tal-ajruport.
3. Fl-Istati Uniti, għadd ta' ajruporti introduċew politiki ta' "pprezzar tat-triq" fir-rigward tal-ipprezzar tal-ikel u x-xorb fil-ħwienet u r-ristoranti tal-ajruporti.
4. Il-Kunsill Internazzjonal tal-Ajruporti fl-Ewropa (Airports Council International Europe, ACI Europe) digħi introduċa b'suċċess tariffa massima ta' EUR 1 għal 50 cl ilma wara li n-nies ikunu għaddew mill-kontrolli ta' sigurtà fl-ajruporti tal-UE.
5. Għaldaqstant, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mitluba li:
  - a. jinkoraġġixxu lill-Istati Membri sabiex jintroduċu politika ta' "pprezzar tat-triq" ġust f'ajruporti tal-UE.
  - b. jiissorveljaw il-prezzi jiet ta' prodotti tal-ikel u x-xorb standard f'ajruporti tal-UE.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn magħgoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.